# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 / 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**


Minuti tal-laqgħa numru ħamsin (50) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tnejn, 16 ta' Novembru 2015, fis-6:40pm fil-Bini Amministrattiv tal-KLM.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

Nota: Il-laqgħa inżammet it-Tnejn flok it-Tlieta, 17 ta' Novembru, u mhux kif deċiż fil-laqgħa numru 49, għaliex permezz ta' *e-mail*, il-KLM kien mitlub li jbiddel il-ġurnata peress li Anita Farrugia qed tattendi kors kull nhar ta' Tlieta.

1. Is-Sindku, Charlene Zammit ippresediet is-seduta u qalet it-talba tal-bidu.

2. Il-minuti tas-seduta 48 komplew ikunu moqrija, emendati u kienu approvati skont kif muri fuq il-kopja oriġinali. Il-minuti tas-seduta numru 49 kienu emendati u approvati wara li nqraw u wkoll sarulhom l-emendi li xtaqu l-kunsillieri.

**Punti mill-Minuti**

3. Kien deċiż li l-*party* tal-Milied għat-tfal isir nhar id-19 ta' Diċembru 2015; issir ħarġa għal Għawdex nhar is-27 ta' Diċembru, biex l-Imqabbin imorru jaraw il-presepju ħaj t'Għajnsielem, bl-isem *Betlehem f'Għajnsielem* u dak in-nhar stess fil-għodu ssir *Rock-Mass*. Dwar din tal-aħħar Anita Farrugia qalet illi l-Kappillan diġa' qed jagħti lill-pubbliku il-kafe u l-qagħaq lejlet il-Milied fuq iz-zuntier. Xi ħaġa li ilha ssir minn mindu kien hawn Dun Gorg li kien ħoloq il-grupp KRI8. Kien hemm diversi ideat bħal *Carol Singing* mit-tfal fit-toroq u għal dan il-għan irridu ninvolvu t-tfal tal-iskola u nkellmu lis-Surmast. Dwar il-ħarġa li jmiss tal-fuljett, is-Sindku qalet li kulħadd irid ikollu l-artiklu sal-laqgħa tal-KLM li jmiss ħalli jiġu approvati minn qabel.

4. Paul Spiteri qal li tajjeb nagħtu donazzjoni lill-Każin tal-Futbol peress li utiliżżajna l-*ground* f'Jum l-Imqabba, filwaqt li s-Sindku wieġbet illi se tagħtihom *donation* minkejja li tajjeb li wieħed jinnota li għall-*Imqabba Youth Challenge* il-KLM kien ħareġ l-ispejjeż kollha li kienu jinkludu t-trophys, midalji u ilma lill-parteċipanti.

5. Is-SE kien mitlub jikteb lil Ms Caroline Farrugia sabiex f'Jum l-Imqabba 2016 ikollna fostna lill-*Mobile Blood Donation Unit.* Hawn intqal illi nistgħu ngħidulhom jarmaw *couches* per ezempju fil-Berġa tal-Imqabba u jieħdu d-demm minn hemmhekk.

6. Dwar it-tiżjin tal-Milied fit-toroq, se jinġiebu quotations jekk m'aħniex tard wisq sabiex nikkunsidraw li nixtru jew nikru. Hawn intqal li t-tnejn fihom tagħhom, għaliex fil-waqt li meta tikri ma jkollok xejn tiegħek, jekk tixtrihom trid tara fejn se tpoġġihom u post m'għandniex, għaliex ma nixtiqux nimlew l-Isptar il-Qadim bit-tiżjin tal-Milied. Intant id-

diżinni ż-żgħar tal-Milied li s-soltu kienu jiġu armati fil-Pjazza tal-Knisja, issa ġie deċiż li jiġu armati f'Misraħ il-Fidwa.

7. D-Consulta iltaqgħu mas-SE u dawn mill-*e-mails* li kienu ċirkulati anke lill-kunsillieri, biex jibdew jaħdmu jridu il-liċenzja fuq computer ieħor billi din s'issa kienet fuq dik tas-SE. L-għażla kienet illi din tinxtara u titpoġġa jew fuq *laptop* tagħhom jew titpoġġa fuq *laptop* tal-KLM. Il-KLM qabel ma' tal-aħħar u se jingħataw lill-espert l-istimi li jidhru fuq il-*Payment Approval Sheet* numru 507 ħalli jara liema hu l-aħjar wieħed.

8. Dwar l-ittra lill-Pulizija dwar l-*isnatch and grab* li seħħ fil-lokalita' tagħna, issa nittamaw li jkun hawn aktar sorveljanza ħalli nċidenti bħal dawn jiġu evitati.

9. Issemmew ukoll id-diversi talbiet li saru lil *Transport Malta* u s-Sindku qalet li hija bagħtet *reminder* permezz ta' *e-mail* li wkoll ikkupjata lill-kunsillieri. F'dan il-punt issemmew il-postijiet u t-talbiet kollha li għad hemm pendenti bħall-*zebra crossings, double yellow lines* ecc. Grace Marie Mallia qalet illi l-approvazzjoni li kien hemm ta' *double yellow line* li sar fi Triq Valletta kważi fil-kantuniera ma' Triq it-Torri Vinċenti ma' kinetx ġustifikata bħal dik li semmiet hija fi Triq il-Lanġasa. Is-SE qal illi f'din il-parti tat-triq it-trakkijiet kienu qed jitilgħu fuq il-bankina u jifqgħu il-kaptelli għaliex ma kinux jistgħu jgħaddu b'vettura ipparkjata. Anita Farrugia qablet illi din it-triq hija perikoluża minħabba t-trakkijiet u s-SE qal li jekk il-KLM iħoss li għandu jiġi irtirat, iqabbad lil ħaddiema tiegħu iħassruh. Is-Sindku qalet li se tkellem lill-Perit sabiex jiddiżinja l-*parking bays* f'din it-triq.

10. Charlene Zammit qalet li filwaqt li is-SE ipprovda l-istimi tal-*week end break,* hija rat illi dawn ma kinux vantaġġjużi wisq u tat il-parir biex dan ma jsirx peress li dalwaqt nidħlu fl-aħħar ta' Novembru.

11. Grace Marie Mallia lmentat għal mod kif kienet magħluqa t-toqba ta' fuq il-bollard ta' Triq San Mikiel, għax ma ġietx lixxa u jista' jitfixkel xi ħadd. Is-SE qal li se jerġa' jqabbad lill-ħaddiema tagħna ħalli jillixxjawha filwaqt li Michel Farrugia minn fuq il-lista tal-ilmenti mqassma mis-SE mal-minuti tal-laqgħa, identifika li daħal ilment wieħed għax tneħħiet il-bollard tan-naħa t'isfel fl-istess triq. Is-SE qal li din il-mara lanqas biss toqgħod fi Triq San Mikiel u qaltlu li tmur hemm iddur b'ħuha. Intant, fuq talba tal-kunsillieri, se jitwaħħal bank fid-daħla ta' Ġnien Onġi Onġella.

12. B'riferenza għal ħmieġ li qed jintefa' fi Triq Ħal Kirkop, quddiem iċ-ċimiterju, il-KLM skarta l-proposta illi jneħħi ir-reċipjenti tal-iskart minn din il-*bring in site*, filwaqt li se nippruvaw inġibu stima biex naħdmu waħda aħna stess. Madankollu se nipproċedu biex inġibu l-elettriku fil-kappella taċ-ċimiterju biex titwaħħal is-*cctv camera* fuq l-istess reċipjenti tal-iskart separat. Is-SE qal li *compliance certificate* taċ-ċimiterju hu mitlub fl-applikazzjoni tal-ARMS li ovvjament għad m'għandniex.

13. L-ittra dwar il-knis fir-raħal intbgħatet lill-kuntrattur sabiex dan ma jibdiex jiknes kmieni wisq minħabba li jkun għad hawn il-vetturi pprakjati u ma jkunx jista' jagħmel dan.

14. Ittra oħra intbagħtet minn dan l-uffiċċju lil *Transport Malta* sabiex ma jitħallewx nies jistennew fuq il-*bus stops* fl-Imqabba propju fir-*rush hour* ta' filgħodu għax il-karozzi tal-linja qed jiġu mimlijin mil-Qrendi.

15. Inqrat l-ittra li ntbagħtet lill-Avukat Ġenerali biex il-KLM ikollu aċċess għan-naħa ta' wara tal-berġa tal-Imqabba. Is-SE qal li din kienet ċara filwaqt li s-Sindku sostniet illi mir-risposta ġenerika li bagħtulna dawn ma fehmux il-ġist tal-ittra tagħna, u għalhekk se nerġgħu niktbulhom.

16. Id-diskussjoni kompliet dwar l-attivita' kulturali Biss bil-Ħila. Il-KLM iddeċieda li mhux se nħallsu lill-organizzatur filwaqt li reġa' kien hemm diskussjoni dwar 'il fejn suppost kien qed iħares il-palk ecc. Paul Spiteri qal li biex nibbenefikaw għal fondi tal-Gvern Ċentrali rridu nippromwovu xi ħaġa nnovattiva. Is-SE iċċirkula il-minuti ta' laqgħa li seħħet għall-każini tal-banda f'dan l-uffiċċju ġimgħa ilu, peress li dawn se jkunu imsieħba fl-applikazzjoni tagħna għas-sena d-dieħla li se tkun sottomessa lill-Gvern Ċentrali. Intant qed ikun ikkunsidrat illi l-attivita' ta' Ottubru tkun mifruxa fuq jumejn. Fl-applikazzjoni se nitolbu l-budget massimu indikat fl-applikazzjoni mid-dipartiment, jiġifieri €15,000, u t-titlu se jkun Ilwien Imqabbin. Intant, Michel Farrugia qal illi meta attenda il-Festival taċ-Ċikkulata, f'din l-attivita' kien hemm biss ħelu. Charlene Zammit qalet illi tittama li ħadd ma jaħseb li rridu nikkompetu mal-festival tan-nar li jorganizza r-Reġjun u qalet li l-applikazzjoni tagħna se tkun ibbażata fuq in-nar tal-ajru – arti li saru magħrufin għaliha l-Imqabbin. Is-SE qal li jista' jkun illi jekk jingħataw dawn l-ammonti ta' flus lill-każini biex ikun organizzat festival tan-nar mingħajr ma toħroġ offerta pubblika, jkun hemm ksur tar-regolamenti finanzjarji.

17. Madankollu f'din l-attivita' Charlene Zammit ipproponiet li għandu jkun hemm kompetizzjoni għall-artisti biex jiġi stabbilit id-diżinn tat-token maħdum fil-ġebel li se jingħata f'Ġieħ l-Imqabba. Hawn Grace Marie Mallia qalet li hemm bżonn nibdlu l-lista tal-persuni minn fuq il-ġebla taż-żonqor, li ħadu dan il-ġieħ u li tinsab fl-Isptar il-Qadim. Grace Marie Mallia qalet illi s-sena d-dieħla għandna nagħtu wkoll premju tal-Mertu lis-Sur Omar Farrugia peress li qed jirrappreżenta lill-Imqabba fil-*Best Male Model of the World Malta*. Il-kunsillieri qablu illi dan għandu jkun rikonoxximent u mhux Premju ta' Mertu.

18. Intant kien deċiż illi l-attivita' kulturali 2016 ssir nhar il-15 ta' Ottubru filwaqt illi Jum l-Imqabba jkun ċelebrat fit-22 u t-23 ta' Ottubru, 2016, kuntrarjament għal dak li kien diġa' iddraftja fl-applikazzjoni is-SE u li kien ċirkulata mal-kunsillieri kollha aktar kmieni l-ġimgħa li għaddiet.

19. Michel Farrugia talab lill-KLM sabiex jikteb lis-Soċjeta' Santa Marija sabiex tagħmel manutenzjoni fuq it-toqob li hemm 'l isfel wisq fi Triq il-Madonna tal-Ġilju għaliex dawn niżlu 'l isfel u għaldaqstant huma perikolużi. Is-SE qal li dwar din it-triq tgħidx kemm inħliet enerġija din is-sena peress li hu mar darbtejn l-għassa tal-pulizija għaliex xi ħadd għalaq xi toqob. Infatti is-SE kien mitlub ukoll jagħmel diversi dikjarazzjonijiet li dawn kellhom il-permess tal-KLM. Intant Paul Spiteri qal illi hemm ukoll toqba fejn il-bandli in-naħa ta' Ċisju li ma fihiex għatu u għaldaqstant hija perikoluża.

20. Michel Farrugia semma wkoll illi r-raħal kien imsemmi fuq programm tan-NET għaliex fih intqal illi fil-pjazza hemm l-għotjien fuq l-ispralli tal-ilma tal-ġwiebi li hemm taħt it-triq. Is-SE qal illi dawn kienu ingħalqu propju għaliex meta jimtlew bl-ilma, jiżbroffa għal kantini tan-nies, kannierja u x-*shelter* tal-gwerra viċin. Għaldaqstant se nagħtu risposta f'dan is-sens.

21. Charlene Zammit semmiet illi fi Triq Ħal Kirkop, in-naħa ta' Triq il-Belt Valletta, Zurrieq, saret miżbla. Hija għandha informazzjoni illi qed iħammġuha is-sidien tas-serer. Hekk kif insiru nafu l-identita' tagħhom, se niktbulhom ħalli jnaddfu fejn ħammġu.

22. Intant issa akkwistajna il-lista minn *Transport Malta* fejn hemm permessi għal parkeġġ ta' persuni b'diżabilita'. Grace Marie Mallia talbet li jinbidlu l-ħinijiet ta' *timed disabled parking* biex din tkun libera fil-ħin li għandha tintuża minn persuna diżabbli. Hija talbet biex it-tabella tkun taqra fis-7:45 flok it-8:00am. Se ssir talba ma' *Transport Malta* f'dan is-sens.

AGENDA

23. Kien stabbilit il-kalendarju kulturali.

24. Kien deċiż li jkun sottomess l-isem ta' Triq tal-Isqof għall-passaġġ rurali fil-kampanja bejn Triq it-Torri Vinċenti u tar-Robba. Issemmiet il-problema tal-bdil tal-pustier f'xi toroq fl-Imqabba għaliex qed jitħalltu l-ittri tan-nies ma' dawk ta' residenzi oħrajn. Minn naħa tagħna se naraw li fejn jistgħu ikun hemm ir-rinumerar tal-bibien.

25. Charlene Zammit ipproponiet u Grace Marie Mallia issekondat u l-Kunsill approva illi tkun sottomessa lid-dipartiment Gvern Lokali, t-talba tas-SE sabiex 95 siegħa *vacation leave* ta' din is-sena jkunu trasferiti għall-2016.

26. Se tinġieb stima biex tinqala' u terġa ssir mill-ġdid kif support il-bankina maqluba fi Triq Karmenu Ciantar. Din il-bankina ilha li saret snin ilu bl-*istencilled concrete* biex takkomoda diversi *garages* mingħajr użu u fuq kollox hija perikoluża.

27. Michel Farrugia qal illi qed ikollu diversi problemi anke b'bankini oħra bħal dik ta' Triq il-Kileb li mhix lixxa. Hu saħaq ukoll sabiex titwessa' Triq Ħal Farruġ kantuniera ma' Triq tas-Sejba. Michel Farrugia qal li hawn qed ikun hawn kjuwijiet ta' karozzi jistennew lil xulxin għaliex ma jistgħux jgħaddu ħdejn xulxin.

28. Charlene Zammit qalet illi konna mitluba sabiex inħallsu €2,500 bħala *subscription* fil-GAL Xlokk għall-programm 2014-2020, biex inkunu nistgħu insiru benefiċjarji potenzjali. Huma qed jitolbu ittra uffiċjali biex ikunu jistgħu japprovaw is-sħubija. Is-SE qal li hu jiftakar lis-Sindku Nicholas Briffa jgħid li l-ammonti li konna ħallasna tard matul l-istess programm, kienu jseħbuna għall-programm li kien ġej 2014-2020.

29. Charlene Zammit qalet illi rridu nsibu ambaxxatur ġdid taż-żgħażagħ. Is-SE qal li fejn ilna mingħajr ambaxxatur, issa għandna nibqgħu sakemm noħorġu avviż fil-ħarġa tal-fuljett li jmiss sabiex possibilment juri interess minn jeddu xi ħadd mir-raħal.

30. Il-KLM spiċċa s-seduta fid-9.30pm u se jiltaqa' nhar l-Erbgħa, 2 ta' Diċembru.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*2.12.2015 minn:* | **Dr Charlene Zammit**<br>**Sindku** |